

# Knisja f'Buġibba - Massimiljanu Kolbe

Wara tmiem it-tieni gwerra dinija, ħafna familji minn diversi nħawi ta' Malta bdew jitħajru jibnu daqsxejn ta' post fejn jistgħu jmorri jgħaddu ftit jiem ta' mistrieħ għall-kwiet qrib ix-xtajta ta' Buġibba, post fil-beraħ f'tarf San Pawl il-Baħar, fuq ir-riħ tas-Santwarju Pawlini, li f'dawk is-snin kien jinsab kollu ħerba għax kien iġġarraf bil-bomba mitfugħa mill-ajru fl-10 ta' Marzu 1942.

F'nofs il-ħamsinijiet xi nies ta' inizjattiva ftiehmu li jersqu talba għand il-Patrijiet Franġiskani konventwali tal-Parroċċa biex jinstab post fejn tkun tista titqaddes quddiesa għall-kumdita tal-villegganti, għall-anqas fil-Ħdud u l-Festi ta' l-obbligu. Xi persuna ta' rieda tajba offriet daqsxejn ta' remissa fi triq li llum jisimha Triq is-Sajf. Beda jinġieb altar ta' l-injam għall-matul is-sajf u bdiet issir quddies kif talbu in-nies.

Wara dan l-ewwel pass, dejjem bi ftehim mal-komunita tal-patrijiet tal-parroċċa, beda jiġi ffurmat kumitat għall-ġbir ta' fondi għal-twaqqif ta' knisja fil-post. Billi fil-qrib ta' fejn bdiet titqaddes il-quddiesa kien hemm biċċa art mhux mibnija u din kienet tinsab bejn żewġ blokok ta' bini mibni ġdid, malajr ġie l-ħsieb li tingħalaq dik il-biċċa art b'ħitan minn wara u minn mat-triq, fejn jitħalla biss għad-dħul. Wara ftit issaqqfet parti minn dak l-ispazju fuq in-naħa ta' ġewwa fejn seta' jitqiegħed l-artal u hekk il-problema ġiet maħbubha għall mument f'żmien qasir.

Fis-27 ta' Lulju 1955 sar kuntratt għall-akkwist ta' l-art b'att suberfitestiku perpewtu min-Nutar Ġużeppi Sammut, LLD, bejn il-W.R.P. Piju Mamo, Provinċjal tal-Franġiskani minuri konventwali minn naħa waħda, u min-naħa l-oħra l-aħwa Carmelo Agius u oħtu, Maria, bil-kunsens ta' żewġha, Anmunziato Camilleri. Wara is-snin, meta l-kumitat deherlu li għandu l-mezzi biex jissokta jmexxi x-xogħol, tqabbad il-Perit W. Micallef biex jagħmel pjanta ta' knisja nfassla u addattata għall-post li kien ġie akkwistat snin qabel. Il-knisja għandha għamla ta' sala b'saqaf maqsum fi tlieta, mistrieħ fuq sitt pilastri, bil-parti tan-nofs ogħla, minn fejn jinfetħu twieqi li jagħtu dawl lill-knisja. għandha artal wieħed fuq il-presbiterju, fejn mal-faċċatta jiddomina kurċifiss sabiħ fuq "turris eucharistica" fejn jinsab it-Tabernaklu.

Mal-faċċata ta' barra l-knisja nsibu tliet bibien b'kampnar fuq il-bieb tan-nofs. Wara l-knisja hemm Sagristija u xi kmamar oħra għall-kumdità tal-patrijiet li jagħtu servizz tagħhom lill-knisja.

Maż-żewġ naħat ta' l-artal hemm żewġ kwadri fuq it-tila li jirrappreżentaw il-Qalb ta' Ġesù u l-Qalb ta' Marija. dawn huma kollha xogħol il-pittur Ġanni Vella, li kellu dar għall-mistrieħ fil-qrib tal-knisja u li għoġbu jħallihom bħala rigal, flimkien ma' ieħor ta' San Ġużepp għarus ta' Marija, kwadru ieħor li jżejjen din il-knisja hu dak ta' San Franġisk t'Assisi, xogħol il-pittur Għawdxi, Pawlu Camilleri Cauchi. Fil-Knisja hemm ukoll żewġ statwi li huma tal-qaddis Massimiljanu Kolbe u ta' Sant' Antnin ta' Padova.

Din il-knisja għandha bħala titular lill-qaddis Massimiljanu Kolbe, mgħolli għall-qima ta' l-altari mill-Papa Pawlu VI fis-sena 1971. L-Arċisqof Mons. Ġużeppi Mercieca kkonsagra din il-knisja fit-18 ta' Awissu 1979, għalkemm hija ġiet inawgurata fil-31 ta' Awissu 1965.